**25 ta' Jannar, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor Anton Depasquale B.A. LL.D.**

Ines Calleja *et*

*versus*

Gaetano Spiteri *et*

## Ċitazzjoni - Nullità - Ittra Uffiċjali - Gvern

*Ċitazzjoni presentata kontra l-Gvern jew awtorità governattiva mingħajr ma qabel tkun preċeduta b'ittra uffiċjali hija irrita u nulla.*

Il-Qorti: – Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-atturi, wara illi ppremettew: Illi fit-18 ta' Lulju 1973 b'ordni tal-Gvernatur Ġenerali ta' Malta li dehret fil-gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Lulju

1973, taħt notifikazzjoni numru 539 (u li kopja tal-estratt tagħha hi hawn annessa bħala Dok A) il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet esproprija biċċa art tal-kejl ta' 21 tomna u 8.2 kejliet fil-Marsa hemmhekk deskritta; Peress illi permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-att tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 29 ta' Marzu 1988, l-imsemmija porzjoni ta' art ġiet asenjata in parte, in pjena proprjetà lill-attriċi Ines Calleja *(kopja tal-estratt tal-*kuntratt relativ hi hawn annessa bħala Dok. B); Illi sussegwentement fid-9 ta' Ottubru 1989 b'ordni tal-President ta' Malta li deħret fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Ottubru 1989 (u li kopja tal-estratt tagħha hi hawn annessa bħala Dok. Ċ) il-porzjoni ta' art in kwistjoni reportata bħala Plot 4 fil-pjanta numru LD129C / 73 / A1 (li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok. D) ġiet rilaxxjata f'idejn il-proprjetarji skond il-liġi; Illi b'ittra datata 6 ta' Novembru 1989 (li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok E) il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet informa lill-attriċi li tali art ma kinitx aktar meħtieġa għal skop pubbliku; Peress illi sussegwentement l-art ġiet misjuba li hi okkupata mill-konvenut Gaetano Spiteri li allega li tali art ingħatat lilu mill-konvenuti Kummissarju tal-Artijiet u Direttur tax-Xogħolijiet; U illi l-konvenut Gaetano Spiteri ma ġab ebda prova ta' tali għotja u għalkemm interpellat anke permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jitlaq, u jiżgombra mill-art in kwistjoni baqa' inadempjenti; talbu għaliex dina l-Qorti m'għandiex:-

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenut Gaetano Spiteri qiegħed *jokkupa il-porzjoni ta' art fuq imsemmija mingħajr ebda* titolu validu fil-fatt u fid-dritt u

2. Tordna lill-konvenut Gaetano Spiteri sabiex, fi żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa, jitlaq, u jiżgombra

mill-porzjoni ta' art fuq imsemmija, waqt li għal kull buon fini tawtorizza lill-atturi jirriprendu pussess tal-istess art;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom, li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Onorevoli Viċi Prim' Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ġustizzja, Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, Direttur tax-Xogħlijiet u Kummissarju tal-Art, illi biha eċċepew:

1. In-nullità taċ-ċitazzjoni kwantu diretta kontra tagħhom stante li ma ġietx preċedura b-att ġudizzjarju ai termini ta' l-artikolu 460 Proċedura Ċivili;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezjoni kemm tal-konvenut Gaetano Spiteri u kemm tal-konvenuti l-oħra, hija l-istess, u ċjoè, illi l-att ta' ċitazzjoni **huwa null** fil-konfront tal-konvenuti kollha b'eċċezzjoni ta' Gaetano Spiteri għaliex ma' ġiex preċedut b'att ġudizzjarju ai termini ta' l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-artikolu 460 (1) ta' l-imsemmi Kodiċi jiddisponi hekk:

"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan

l-artikolu, ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista jiġi pprezentat, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa fil-kostituzzjoni, barra mill-kummissarju Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif ntqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar; u r-reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi xi att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jiġi pprezentat fir-Reġistru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu'';

Illi ma hemmx dubju illi l-att ta' ċitazzjoni kwantu dirett kontra l-konvenuti l-Onorevoli Deputat Prim' Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Ġustizzja u l-Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura huwa dirett kontra l-Gvern, kif anqas hemm dubju illi l-konvenuti Direttur tax-Xogħolijiet u Kummissarju *tal-Artijiet* huma *l-*persuni *illi* għandhom kariga pubblika u f'din il-kawża ġew ċitati fil-kwalità uffiċjali tagħhom;

Illi ma jirriżultax pruvat illi l-att ta' ċitazzjoni odjern ġie preċedut minn xi ittra uffiċjali jew protest kif rikjest miċ-ċitat *artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*;

Illi ma jidhirx illi huwa applikabbli għall-kas in eżami l-artikolu 460(2) tal-istess Kodiċi;

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni, magħmula mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, illi mill-artikolu 460(1) u anqas mill-artikolu 789(1) tal-Kodiċi ċitat ma jirriżulta

illi n-nuqqas ta' l-ittra uffiċjali jew protest iġib bħala konsegwenza n-nullita ta' l-att ta' ċitazzjoni, u dana għaliex skond l-artikolu 789(1) (d) ta' dan il-kodiċi hemm nullità meta att ġudizzjarju ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mill-liġi espressament;

Illi din il-Qorti anqas ma taqbel mas-sottomissjoni ta' l-atturi magħmula fiċ-ċitata nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, illi la darba l-att ta' ċitazzjoni odjern bħala jiġi pprezentat mir-Reġistratur il-proċeduri odjerni ġew validament inizjati. Il-fatt illi r-Reġistratur naqas mill-obbligu impost fuqu mill-artikolu 460(1) fuq ċitat illi jirrifjuta illi jirċievi l-att ta' ċitazzjoni in kwistjoni ma jissanax in-nullità ta' l-istess att;

Illi l-eċċezzjoni in eżami tal-konvenut Gaetano Spiteri ma hijiex illi l-att ta' ċitazzjoni odjerna huwa null fil-konfront tiegħu, iżda illi dan l-att huwa null fil-konfront tal-konvenuti l-oħra, u għalhekk, dak sottomess mill-konvenut Gaetano Spiteri fin-noti ta' osservazzjonijiet tiegħu dwar in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni għar-rigward ta' l-eċċezzjoni in eżami;

Illi, minn dan kollu premess, jirriżulta illi l-eċċezzjoni in eżami tal-konvenuti kollha għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-ewwel eċċezjoni tal-konvenut Gaetano Spiteri u dwar l-ewwel eċċezjoni tal-konvenuti l-oħra billi tilqagħhom fis-sens illi tiddikjara illi l-att ta' ċitazzjoni huwa irritu u null fil-konfront tal-konvenuti kollha b'eċċezzjoni ta' Gaetano

Spiteri u konsegwetament, tillibera lill-konvenuti kollha b'eċċezjoni ta' Gaetano Spiteri mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjes kontra l-atturi;